# ĠUSTIFIKAZZJONI U UBBIDJENZA

George Ebejer

## Teskludi l-Ġustifikazzjoni Divina l-Ubbidjenza Umana?

Xi wħud jinsistu li l-kelma "ġġustifikat" fit-Testment il-Ġdid hija fil-forma passiva, għalhekk, hija xi ħaġa li Alla jagħmel, mhux il-bniedem. Għalhekk, azzjoni tal-bniedem, bħall-magħmudija, ma tistax tkun parti tal-proċess tal-ġustifikazzjoni. Imma huwa dan korrett? Le, mhuwiex.

Anzi, dan l-argument ma jistax ikun aktar mhux korrett milli hu. Waqt li l-forma passiva "iġġustifikat" tenfasizza l-fatt li **flaħħarnett** Alla biss jista' jassolvi lill-bniedem midneb mill-ħtija tiegħu, il-forma passiva ma tinnulifikax il-fatt li Alla jista' jpoġġi kondizzjonijiet fil-pjan Tiegħu stess għall-ġustifikazzjoni ta' l-umanità midinba.

Ġustifikazzjoni tista' tkun imfissra bħala proċess divin li bih Alla jassovli l-midneb u jgħarfu bħala ġust. In-nom *dikaiosis* ("ġustifikazzjoni") huwa wżat darbtejn fit-Testment il-Ġdid (Rumani 4:25; 5:18). Il-każ akkużattiv, "iġġustifikat" (*dikaioma*) huwa applikat għaxar darbiet fit-Testment il-Ġdid u dan jiddeskrivi r-riżultat tal-proċess tal-ġustifikazzjoni.

Hemm xi ideat żbaljti ħafna dwar il-ġustifikazzjoni fil-komunità tal-"Kristjanità."

Id-domma tal-Knisja Kattolika Rumana tal-ġustifikazzjoni fuq il-bażi ta' opri **meritevoli** ma tikkonformax mat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid (Efesin 2:8-9; Titu 3:5). Min-naħa l-oħra, id-dottrina reazzjonarja tal-Protestantiżmu, li l-ġustifikazzjoni hija fuq il-bażi ta' "fidi biss," hija l-istess falza. (Galatin 5:6; Ġakbu 2:14-26; speċjalment vers 24). Inċidentalment, jekk il-forma passiva, "tkun iġġustifikat," telimina ir-rispons kollu tal-bniedem, mela l-fidi nfisha tkun eskluża mill-pjan tal-fidwa.

## Ġustifikazzjoni Biblika tinvolvi l-elementi li ġejjin:

1. Għaliex in-nies kollha responsabbli huma midinba (Rumani 3:10, 23), u għalhekk jistħoqqilhom il-kundanna (Rumani 6:23), jekk għandu jkun hemm xi tama għal l-umanità li qed taqa', proċess ta' ġustifikazzjoni għandu jkun offrut divinament.
2. Ebda persuna ma tista' **jaqla'** l-ġustifikazzjoni (Mattew 18:21-35), jew **jimmeritaha** (Efesin 2:8-9).
3. Il-ġustifikazzjoni tista' tkun offruta biss fuq il-bażi tal-mewt ta' Kristu bħala sagrifiċċju bla dnub għall-bniedem (1 Pietru 1:19; Rumani 3:24-26).
4. Il-ġustifikazzjoni tkun mogħtija biss meta l-bniedem iwieġeb għall-pjan ta' Alla tal-fidwa bil-fidi (Rumani 3:26; 5:1). Hija **n-natura** ta' dik il-"fidi" li hija kruċjali għal din il-ħaġa.

Fil-ktieb ta' Rumani, kif f'postijiet oħra fit-Testment il-Ġdid, fidi mhijiex sempliċiment kunsens mentali, jew saħansitra sempliċiment li tafda fil-Mulej. Pjuttost, hija rieda assoluta li **tissottometti** ruħek għall-ħtiġijiet ordnati mill-Ħallieq. Fidi ġenwina toħroġ fl-ubbidjenza (Rumani 1:5; 16:26).

Innota dan: Il-bniedem hu ġġustifikat bil-fidi (Rumani 5:1). "Il-ġustifikazzjoni" hija ekwivalenti għal li tkun "ħieles mid-dnub" (Rumani 6:18). Imma l-ħelsien mid-dnub jiġi biss lil dawk li kienu "ubbidjenti mill-qalb" għal "dik il-għamla ta' tagħlim" ta' l-Evanġelju (Rumani 6:17). Għalhekk, il-ġustifikazzjoni hija mħabbra fuq l-ubbidjenza.

Li kieku biss dawk li jgħallmu li bniedem isalva bil-"fidi biss" jaqraw bis-serjetà u bis-sinċerità l-Kelma ta' Alla, huma ċertament ma jibqgħux igħallmu aktar dak it-tagħlim fatali. Isma' int li tgħallem dak it-tagħlim falz l-Awtur tas-salvazzjoni ta' min sar Kristu: "Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem **għal dawk kollha li jobduh**." (Lhud 5:8-9). Sar Kristu l-Awtur tas-salvazzjoni għal dawk kollha li **<u>jemmnu</u>**? Le! Sar Kristu l-Awtur tas-salvazzjoni għal dawk kollha li **<u>jobduh</u>**? Iva! Mela, issalva persuna bil-fidi biss jew billi "tobdi" dak l-kollu li kkmanda Kristu?

Ukoll, "ġustifikazzjoni" jew "li tkun magħmul ħieles mid-dnub," tiġri meta wieħed ikun "imqajjem" biex jimxi "fit-tiġdid tal-ħajja." Dawn l-espressjonijiet huma ekwivalenti. Il-proċess tal-ġustifikazzjoni huwa mela komplut meta wieħed ikun "midfun ma' [Kristu] bil-magħmudija" u "mqajjem" għall-ħajja "l-ġdida" (Rumani 6:4).

5. Fl-aħħarnaett, ir-riżultat tal-ġustifikazzjoni huwa "paċi ma' Alla" u ferħ fit-"tama tal-glorja ta' Alla" (Rumani 5:1-2).

Konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti bibliċi tirrivela ċar li l-ġustifikazzjoni ta' Alla, u r-rispons tal-bniedem għall-pjan divin tal-fidwa, mhumiex f'konflitt, jew esklussivi minn xulxin. Il-persuna li tassew tfittex is-salvazzjoni għandha tafda f'Alla għall-ġustifikazzjoni (maħfra mid-dnub), imma, fl-istess ħin, tfittex dik il-maħfra fi qbil għall-pjan sagru rrivelat fit-Testment il-Ġdid.

Iva, persuna hija salva "bil-fidi," **imma mhux bil-fidi biss**! Innota l-versi li ġejjin dwar **l-ubbidjenza**:

1. **Eżodu 19:5** – "Għalhekk issa, **jekk tassew tobdu** kliemi, u tħarsu l-għaqda tiegħi, intom tkunu t-teżor partikulari tiegħi fost il-popli kollha."
2. **Eżodu 20:6** – "U nagħmel ħniena ma' eluf minn dawk li jħobbuni, **u jħarsu l-kmandamenti tiegħi**."
3. **Eżodu 24:7** – "U ħa l-ktieb tal-għaqda, u qrah quddiem il-ġemgħa tal-poplu; u qalu: **Dak kollu li qal il-Mulej nagħmluh**, u nisimgħuh."
4. **Ġożwè 22:2** – "U qalilhom: Intom ħaristu **kulma ikkmandakom** Mosè, qaddej tal-Mulej; u smajtu kliemi **f'kulma wissejtkom**."
5. **1 Slaten 3:14** – "U **jekk** timxi fi triqati, billi tħares l-istatuti tiegħi, u **l-kmandamenti** tiegħi, bħal ma ħares David missierek, imbagħad intawwal għomrok."
6. **2 Slaten 21:8** – "U ma nħallix iżjed jitħarrku riġlejn żrael minn fuq l-art li tajt lil missirijietkom; biss jekk iqisu li **jagħmlu skond kulma ikkmandajthom**, u skond il-liġi **kollha** li tahom Mosè, il-qaddej tiegħi."
7. **Proverbji 19:16** – "Min **iħares il-kmandament**, iħares ruħu; iżda min ma jqisx imġibtu, imut."
8. **Mattew 5:19** – "Kull min għalhekk **jikser** wieħed minn dawn **l-iċken kmandamenti**, **u jgħallem lill-bnedmin hekk**, jissejjaħ l-iżgħar fis-saltna tas-smewwiet; iżda kull **min iħarsihom u jgħallimhom**, jissejjaħ kbir fis-saltna tas-smewwiet."

   **(Nota: hija l-magħmudija fl-ilma "kmandament tal-Mulej?)**
9. **Mattew 6:24** – "Ħadd ma jista' jaqdi **żewġ sidien**: għax jew jobgħod lil wieħed, u jħobb lill-ieħor; jew iżomm ma' wieħed, u jżeblaħ lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lil mammona."
10. **Mattew 12:50** – "Għax kull min **jagħmel** ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, **dak ħija, u oħti, u ommi**."
11. **Luqa 1:6** – Żakarija u Eliżabet – "U t-tnejn kienu nies sewwa quddiem Alla, billi kienu **jħarsu l-kmandamenti kollha** u l-preċetti tal-Mulej **bla ebda nuqqas**."
12. **Luqa 6:46-49** – "U għaliex issejħuli: Mulej, Mulej, **u ma tagħmlux dak li ngħid**? Kull min jiġi lejja, u jisma' kliemi, **u jagħmilhom**, nurikom lil min jixbah: Jixbaħ lil raġel li bena dar, u ħaffer 'l isfel, u qiegħed is-sisien fuq il-blat: u meta tala' l-ilma, il-wied ħabat bil-qawwa ma' dik id-dar, u ma satax iqanqalha: għax kienet **mibnija fuq blata**. Iżda min jisma', **u ma jagħmilx**, hu bħal raġel li bena dar fuq

il-art bla sisien; li l-wied ħabat fuqha bil-qawwa, u malajr waq-għet; u kbira kienet it-tiġrifa ta' dik id-dar."

13. <u>Luqa 11:2, 28</u> – "U qalilhom: Meta titolbu, għidu: Missierna li int fis-smewwiet, jitqaddes ismek. Tiġi saltnatek. Ikun li trid int, kif fis-sema, hekk fl-art…Imma hu qal: Iva, imma aktar imberkin dawk li jisimgħu l-kelma t'Alla **u jħarsuha**."
14. <u>Atti 5:29</u> – Wieġbu Pietru u l-appostli l-oħra, u qalu: Aħna għandna **nobdu** lil Alla **aktar** milli l-bnedmin."
15. <u>Atti 5:32</u> – "[3]U ta' dan kollu hawn xhieda aħna flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil dawk li **jobduh**."
16. <u>Rumani 6:17</u> – "Iżda niżżuħajr 'l Alla, għax kontu l-qaddejja tad-dnub, imma minn qalbkom **obdejtu** lil dik il-għamla ta' dottrina li għaliha intom kontu mogħtijin."
17. <u>Filippin 2:12</u> – "Għalhekk, maħbubin tiegħi, bħal ma **obdejtu** dejjem, mhux biss quddiemi, iżda wisq aktar issa li miniex hemm, **aħdmu s-salvazzjoni tagħkom** stess bil-biża' u t-tregħid."
18. <u>Ġakbu 2:10-12</u> – "Għaliex min iħares il-liġi kollha, u **jonqos f'ħaġa waħda**, ikun ħati ta' kollox. Għax min qal: La tagħmilx adulterju, qal ukoll: La toqtolx. Issa jekk int ma tagħmilx adulterju, imma toqtol, inti ksirt il-liġi. Hekk tkellmu, u hekk agħmlu, bħal dawk li sa jsir ħaqq minnhom bil-liġi tal-libertà."
19. <u>1 Ġwanni 2:3-6, 17</u> – "U min dan nafu li aħna nagħrfuh, **<u>jekk</u> inħarsu l-kmandamenti tiegħu**. Min igħid: Jien nagħrfu, **u ma jħarisx il-kmandamenti tiegħu**, hu giddieb, u ma hemmx il-verità fih. **<u>Imma</u>** min **iħares il-kelma tiegħu** f'dan tassew l-imħabba hi perfetta: b'dan aħna nagħrfu li aħna fih…U d-dinja tgħaddi, u x-xewqat tagħha wkoll: **<u>imma</u> min <u>jagħmel</u> ir-rieda ta' Alla** jibqa' għal dejjem."

    **<u>Nota</u>: Hija l-magħmuidja kmandament tal-Mulej?** Aħna nwieġbu **IVA**! Issa, tista' persuna ssalva **<u>qabel</u>** ma tkun mgħammda, **<u>qabel</u> ma tobdi dak il-kmandament**? Jekk xi ħadd iwieġeb, iva, tista' ssalva qabel ma tkun obdiet dak il-kmandament, jiġifieri, "bil-fidi biss," allura Alla qiegħed igħid lil min iwieġeb hekk, "**int giddieb u ma hemmx il-verità fik.**" Trid int li tkun wieħed jew waħda li Alla jgħidlek dak il-kliem?

20. <u>1 Ġwanni 3:22, 24</u> – "U kulma nitolbu, naqligħuh mingħandu, **<u>għax</u> inħarsu l-kmandamenti tiegħu, u <u>nagħmlu</u>** dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lilu…U min **iħares il-kmandamenti tiegħu** jgħammar fih, u hu fih,…"

21. **1 Ġwanni 5:2-3** – "**B'dan** nagħrfu li aħna nħobbu lil ulied Alla, meta aħna nħobbu 'l Alla, **u nħarsu l-kmandamenti tiegħu**. Għax din hi l-imħabba ta' Alla, **li nħarsu l-kmandamenti tiegħu: u l-kmanda-menti tiegħu mhumiex tqal**."

22. **2 Ġwanni 6** – "Din hi l-imħabba, **li nimxu skond il-kmandamenti tiegħu**. Dan hu l-kmandament: Li bħalma smajtu mill-bidu, imxu fl-imħabba."

23. **Rivelazzjoni 22:7, 14** – "Ara, dalwaqt niġi: imbierek hu min iħares il-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb…Imberkin dawk li **jagħmlu l-kmandamenti tiegħu**, biex ikollhom id-dritt għas-siġra tal-ħajja, u jistgħu jidħlu fil-belt mill-bwieb."

    **Nota:** Issa li qrajt dan kollu dwar il-kmandamenti tal-Mulej u l-ħarsien tagħhom, **hija l-magħmudija kmandament tal-Mulej**? Tista' persuna ssalva **qabel** ma tkun mgħammda, **qabel ma tobdi dak il-kmanda-ment?**

24. **Lhud 5:8-9** – "Għalkemm kien Iben, tgħallem **l-ubbidjenza** minn dawk il-ħwejjeġ li bata; U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża **tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh**."

25. **Rumani 2:8** – "Iżda lil dawk li jmieru, u **ma jobdux il-verità**, iżda jobdu l-ħażen, qilla, u għadab."

    **Nota:** Jekk int temmen li persuna ssalva "bil-fidi biss" lest int li tkompli "tmieri" **biex ma tobdix il-verità** u jkollok fuqek qilla u għadab?

26. **Galatin 3:1** – "Ja Galatin boloh, min saħħarkom, **biex ma tobdux il-verità**, intom li quddiem għajnejkom Ġesù Kristu kien impinġi msallab?"

27. **Galatin 5:7-10** – "Ġrejtu tajjeb: min fixkilkom **biex ma tobdux il-verità?** Din il-fehma mhix ġejja minn dak li jsejħilkom. Ftit ħmira tħemmer il-għaġna kollha. Għandi tama qawwija fikom fil-Mulej, li ma taħsbuhiex xort'oħra; imma **min qiegħed iħawwadkom**, hu min hu, **jarfa' l-kundanna tiegħu**."

28. **2 Tessalonikin 1:7-9** – "U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru. Kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk **li ma jobdux** l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu."

**Nota:** Jekk int temmen li persuna ssalva "bil-fidi biss" u issa taf sewwa li l-magħmudija hija **kmandament tal-Mulej**, parti mill-Evanġelju tas-salvazzjoni, lest int li ma **tobdix** imma tkompli tgħallem li persuna ssalva "bil-fidi biss?" Tinsiex x'x'intqal fuq: "u 'l dawk **li ma *jobdux*** l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù" u mhux "u 'l dawk **li ma *jemmux*** l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù."

Mela iddeċiedu llum, li ma:

"Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied ***id-diżubbidjenza***. 7Mela tissieħbu qatt magħhom! (Efesin 5:6-7).

Qiegħed tara, mhux fuq ulied li ma jemmnux, imma fuq ulied ***id-diżubbidjenza***."